MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tal-21 ta' Gunju, 2011

Appell Civili Numru. 8/2010

**Anton Camilleri**

**vs**

**L-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Il-Qorti,**

**<u>I. PRELIMINARI.</u>**

Rat ir-rikors tal-appell ta' Anton Camilleri sew propriju kif ukoll ghan-nom ta' AM Developments Limited (C18510) datat 4 ta' Novembru 2010 a fol. 1 tal-process fejn espona:-

Illi l-esponent kien ghamel l-applikazzjoni sabiex jizviluppa sit f'San Pawl il-Bahar liema applikazzjoni ggib in-numru 4286/99; din l-applikazzjoni giet michuda mill-Awtorita` dwar l-Ippjannar u r-rikorrent kien ghamel appell minn dak ir-rifjut quddiem il-Bord tal-Appell tal-Ippjannar. Il-Bord tal-

Appell dwar l-Ippjanar b'decizjoni tat-22 ta' Ottubru 2010 fil-kaz fl-ismijiet premessi kien cahad l-appell tar-rikorrent u kkonferma r-rifjut; illi l-applikazzjoni u l-appell kienu saru mir-rikorrent Anton Camilleri f'isem Grove Construction Company Limited. Illi din is-socjeta` kienet giet likwidata u kienet ittrasferiet il-proprjeta` in kwistjoni u d-drittijiet ta' dan l-appell lis-socjeta` AM Development Limited.

Illi r-rikorrent hass ruhu aggravat b' din id-decizjoni u ghalhekk interpona appell minnha ghal quddiem il-Qorti tal-appell kompetenti.

Illi l-aggravju tieghu huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

Illi d-decizjoni tal-Onorabbli Bord tal-Appell kienet nulla billi ma ttiehditx fil-konfront tal-appellant Grove Construction Company Limited kif succeduta mis-socjeta` AM Developments Limited. Dan il-fatt iwassal ghan-nullita` tal-istess decizjoni kif gie diversi drabi deciz minn din l-Onorabbli Qorti tal-Appell.

Illi l-ewwel Onorabbli Qorti tal-appell malament applikat il-ligi ghall-kaz billi minflok applikat dawk il-*policies* li kienu vigenti fil-mument tal-applikazzjoni applikat *policies* li nbidlu fil-kors tal-konsiderazzjoni twila ta' dik l-applikazzjoni; illi fil-fatt id-dewmien fil-konsiderazzjoni tal-applikazzjoni u t-tibdil fil-*policies* kien kollu marbut mal-ghan ahhari tal-awtorita` li l-applikazzjoni tal-rikorrent tigi milqugha biex ir-rifjut ikollu l-libsa tal-legalita`. Ir-realta` hija li r-rifjut kien motivat minn konsiderazzjoni kompletament irrilevanti ghall-processar tal-ippjannar u fil-fatt jirrizulta f'vantagg lil min ippretenda li kellu dritt igawdi l-veduta fuq il-proprjeta` ta' haddiehor. L-esponent jissottometti li r-regola li ma tiffissax il-*policies* b'irbit mal-mument meta ssir l-applikazzjoni twassal ghall-manipulazzjoni tas-sitwazzjoni b'deni kbir ghall-applikant. Meta mbghad wiehed jikkunsidra li l-kunsiderazzjoni ta' dik l-applikazzjoni tkun mifruxa fuq zmien twil u sahansitra snin bi vjolazzjoni car tal-kliem espress tal-ligi jkun hemm marbuta wkoll vjolazzjoni tad-dritt tar-rikorrent ghall-smigh xieraq fi zmien ragonevoli li ukoll jimmilita kontra l-

applikazzjoni ta’ *policies* li ma kienux fis-sehh meta saret l-applikazzjoni. Ghallhekk huwa evidenti li kien hemm fil-kaz mhux biss applikazzjoni hazina tal-ligi imma wkoll ksur tad-dritt fondamentali tar-rikorrent protett taht l-**artikolu 6 tal-Kovenzjoni Ewropea**.
Il-mod korrett biex dik il-vjolazzjoni tigi epurata kien billi l-Bord japplika l-*policies* kif kienu vigenti meta saret l-applikazzjoni u mhux altrimenti.

Dwar l-kwistjoni tal-applikazzjoni tal-*policies* - il-Bord tal-appell iddecida li l-Bord huwa fid-dover li jimxi mal-*policies* applikabbili fil-pjan lokali NWLP kif gie formalment approvat. Dan il-Bord m’ghandux l-awtorita` jew il-fakulta` li jiddecidi fuq zvilupp li bl-aktar mod car ma jkunx konformi mal-*policies* vigenti. Dan kien il-pern fuq liema il-Bord iddecieda l-kwistjoni kollha. Ghaliex irrizulta abundantement li ma kien hemm l-ebda element arkeologiku jew ambjentali li kien jehtieg protezzjoni. Il-Bord, bl-akbar rispett zbalja f’diversi modi. L-ewwel nett il-ligi mhux f’kull kaz tindika li l-Bord ghandu jiddeciedi skont *policies* vigenti anzi hemm diversi kazijiet fejn l-Awtorita` hija marbuta li tapplika l-*policies* vigenti fi zmien l-applikazzjoni. Il-Bord naqas li jikkunsidra jekk il-kaz in kwistjoni jaqax taht din il-kategorija. *Inoltre* l-posizzjoni dwar l-applikazzjoni ta’ bdil fil-*policies* ghall-applikazzjonijiet maghmula hija bir-rispett kollu erronea u hazina fil-ligi ghaliex tinjora l-fatt li fil-mument tal-applikazzjoni tinholoq aspettativa legittima fl-applikant li l-applikazzjoni tieghu tigi konsidrata u deciza fit-termini tal-*policies* vigenti u mhux altrimenti. Li din l-aspettativa ghandha tinholoq hija konsegwenza logika mhux biss li wiehed japplika skont il-*policies* korrenti u jinvesti l-flus biex jaghmel dan, imma li t-termini tkontemplati mil-ligi f’liema applikazzjoni ghanda tigi konsidrata hija relativament qosra u jekk dawk it-termini jigu rispettati ma jkun hemm l-ebda necessita li wiehed jikkunsidra l-applikazzjoni ta’ tibdil fil-*poilicies*. Dik il-possibilita` tavvera ruha biss meta t-termini tal-ligi jigu kompletament injorati dawk li kieku l-ligi kienet ghalxejn u b’hekk tigi prodott sitwazzjoni fejn jkun possibilissimu li *policies* jinbidlu. Dan johloq sitwazzjoni fejn l-aspettativa legittima tal-applikant tigi tradita. L-applikant kellu kull dritt jistenna li l-

applikazzjoni tieghu tigi determinata fit-termini voluta mill-ligi u kieku gara hekk ma kien ikun hemm l-ebda kaz ta' *policies* li jkunu inbidlu ghaliex kienu jigu applikati l-istess *policies* vigenti fid-data meta saret l-applikazzjoni. *Inoltre* huwa evidenti li kien hemm dak li fis-sistema ta' stharrig gudizzjarju jinghad *'over rigid adhearance to policies'*; l-Awtorita` u l-Bord abdikaw l-awtorita` taghhom u ma applikawx rashom ghall-kaz specifiku u b'dan il-mod saret u giet perpetrata, bl-akbar rispett, ingustizja kbira mir-rikorrent. L-Awtorita` u l-Bord naqsu li jikkunsidraw l-*fattispecie* u cirkostanzi partikolari tal-kaz biex jivvalutaw jekk il-permess kellux johrog jew le.

Illi *inoltre* z-zmien twil li ttiehed biex il-kwistjoni tigi deciza wassal ghall-vjolazzjoni fil-konfront tar-rikorrent tad-dritt tieghu ghall-smigh xieraq fi zmien ragonevoli. Dan huwa bi ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u ghallhekk anke d-decizjoni innifisha u l-applikazzjoni retroattiva tal-*policies* hija haga lesiva tad-drittijiet fondamentali tar-rikorrent u twassal ghall-applikazzjoni hazina tal-ligi.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob bir-rispett li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tirrevoka jew tannulla skont il-kaz id-decizjoni fuq riferita tal-Onorabbli Bord tal-Appell fl-ismijiet premessi u minflok tiddecidi billi tordna l-hrug tal-permess favor l-istess rikorrent.

Rat li din il-kawza kienet appuntata ghas-smigh ghas-seduta tat-2 ta' Marzu 2011.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 31 ta' Jannar 2011, fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-*file* tal-Bord tal-Appell fl-ismijiet **"Anthony Camilleri vs Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** deciz mill-istess Bord.

Rat ir-risposta tal-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar datata 4 ta' April 2011 a fol. 9 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament jinghad li l-appell interpost mill-applikant huwa null *stante* li mhux qed isir skont l-**artikolu 15 (2) tal-Art dwar l-Ippjanar tal-Izvilupp (Kap.356) (illum l-artikolu 41 (6) tal-Kap. 504)** li jghid hekk:

*"Id-decizjonijiet tal-Bord ikunu finali hlief dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord li minnhom ikun hemm appell lill-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)".*

Huwa principju risaput li meta jsir appell minn decizjoni tal-Bord tal-Appell dan ghandu jsir minn punti ta' ligi li jkunu gew dibattuti fit-trattazzjonijiet li jsiru quddiem il-Bord u li jkunu gew decizi mill-istess Bord. Dan kien konfermat diversi drabi b'sentenzi ta' din l-Onorabbli Qorti, fosthom fis-sentenza **Emanuel Mifsud vs Kumissjoni ghall-Kontroll tal-Izvilupp** *(decizjoni tal-31 ta' Mejju 1996),* fejn gie spjegat li:

*"Din il-Qorti tista' tirrevedi <u>biss</u> kwistjonijiet dwar punti ta' dritt decizi mill-Bord. Dan ifisser li m'hemmx appelli fuq kwistjonijiet ta' fatt, fuq kwistjonijiet ta' apprezzament ta' provi... ...Biex appell ikun ammissibbli, il-kwistjoni trid tkun necessarjament dwar kwistjoni ta' dritt, li tkun qamet kontroversja dwarha, li tkun giet diskussa u elucidata fil-motivazzjoni u li tkun giet definita fid-decizjoni appellata".*

*2.* Illi wkoll b'mod preliminari, din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex gurisdizzjoni dwar materja ta' natura kostituzzjonali.

3. Fir-rigward tal-ewwel aggravju tal-appellant, il-fatt li ma gietx citata s-socjeta' Grove Construction Limited fid-decizjoni tal-Bord ma jwassalx ghan-nullita` tal-istess decizjoni ghaliex din l-ommissjoni ma tqajjem l-ebda dubju dwar liema sit u/jew liema applikazzjoni inghatat l-istess decizjoni ta' rifjut. L-applikazzjoni tal-appellant inghatat numru uniku u cioe' PA 4286/99 u *in oltre* permess ta' zvilupp jinhareg u jkopri sit partikolari u jibqa' jkopri l-istess sit irrispettivament ta' min kien l-applikant jew min hu l-proprjetarju tal-istess sit. Ghalhekk, dan l-aggravju tal-appellant ghandu jigi michud.

4. Fir-rigward tat-tieni aggravju tal-appellant, il-Bord kien korrett meta applika l-*policies* li kienu vigenti dakinhar li nghatat id-decizjoni u mhux dawk meta saret l-applikazzjoni (vide ***Angela Farrugia vs MEPA*** deciza fl-24 ta' April 1996). Kif qal il-Bord stess fid-decizjoni tieghu: *"Dan il-Bord m'ghandux l-Awtorita' jew il-fakulta' li jiddeciedi fuq zvilupp li bl-aktar mod car ma jkunx konformi mal-policies vigenti."*

*In oltre*, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, jirrizulta bic-car li d-decizjoni tal-Bord ma kinetx ibbazata biss fuq il-fatt li s-sit jinsab barra z-zona tal-izvilupp fil-mument li nghatat id-decizjoni izda wkoll fuq il-fatt li s-sit huwa skedat bhala zona li kien jisthoqqilha protezzjoni mil-lat arkeologiku, u dan anki fil-mument li giet intavolata l-applikazzjoni.

5. L-appellant qed jilmenta wkoll li ma kien hemm l-ebda element arkeologiku jew ambjentali li kien jehtieg protezzjoni. Huwa ben risaput li l-interpretazzjoni tal-ligijiet u regoli dwar l-ippjanar tinsab fid-diskrezzjoni tal-Bord tal-Appell, li huwa kompost, *inter alia,* minn persuni teknici u esperti fil-qasam tal-ippjanar, u ghaldaqstant ghandu jkun dan il-Bord li jiddeciedi dwar materji teknici.

Ghaldaqstant, *in vista* tal-premess, l-Awtorita' esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi kollha gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 22 ta' Otturu 2010 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi skont il-Ligi, titlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar fit-22 ta' Ottubru 2010, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat il-verbal tas-seduta mizmuma fit-13 ta' April 2011 fejn meta ssejjah l-appell dehru l-appellanti u Dr. Ian Vella Galea ghall-Awtorita` appellata u l-Profs Ian Refalo ghall-appellanti li trattaw il-kaz, u l-appell gie differit ghas-sentenza in difett ta' ostakolu ghal-21 ta' Gunju 2011.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija.

Rat l-atti kollha pprezentati mill-partijiet u d-digrieti relattivi.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

Illi fl-ewwel aggravju mid-decizjoni tal-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar datata 22 ta' Ottubru 2010 fl-ismijiet **"Anton Camilleri vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (PAB92/04/ISB) hija fis-sens li d-decizjoni hija nulla u bla effett ghaliex tali decizjoni ma ttiehditx fil-konfront tas-socjeta' A M Developments Limited li ssuccediet lis-socjeta' Grove Construction Limited li kienet ghamlet l-appell.

Illi fil-fatt jirrizulta li s-sentenza inghat fil-konfront ta' l-appellant Anton Camilleri f'ismu proprju biss kif jirrizulta mill-okkju tal-istess sentenza quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar L-Ippjanar u dan meta jidher car li l-appell quddiem l-istess Bord fil-5 ta' April 2004 gie interpost minn *"Anton Camilleri o.b.o. Grove Construction Ltd"* . Dan jinsab ikkonfermat minn ittra li intbaghtet mill-Bord stess datata 6 ta' April 2004 lill *"Anton Camilleri o.b.o. Grove Construction Ltd. Il-Maxtura, Madliena Road, Madliena, sabiex jinformawh li "The Planning Appeals Board wishes to inform you that your appeal has been received at this office".*

Illi l-istess jirizulta mill-ittra datata 4 ta' Mejju 2004 miktuba mill-istess Bord lill-appellant *nomine* u dan relattiv ghall-appell ghal sit mertu tal-appell odjern li jidher mir-rapport tal-istess Awtorita' datat 21 ta' Mejju 2004, li f'dak iz-zmien kien *"located within the Temporary Provisions Scheme for St. Paul's Bay (TPS no. 6) and is zoned for the development of terraced houses with front garden"* redatt minn Lorinda Vella B.Sc. (Hons); u tali avvizi baqghu hergin mill-istess Board fil-konfront tal-istess

socjeta' kif jidher mill-avvizi relattivi fosthom dawk datati 21 ta' Gunju 2004; 19 ta' Awissu 2004; 13 ta' Settembru 2004; 29 ta' Marzu 2005; 17 ta' Gunju 2005; 6 ta' Frar 2006; 23 ta' Awwissu 2007; u nota ta' sottomissjonijiet li saret fis-27 ta' Gunju 2008 ghan-nom ta' dak li gie indikat bhala l-appellant Anton Camilleri ghan-nom tas-socjeta' Grove Construction Limited u rikors ipprezentant bl-istess mod quddiem il-Bord sabiex ikun hemm sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza li giet michuda b'decizjoni tal-Bord datata 11 ta Settembru 2008; u avvizi datat 5 u 12 ta' Ottubru 2010 kollha ndirizzati bl-istess mod hawn indikat.

Illi *invece* jidher li l-decizjoni inghatat fil-konfront ta' Anton Camilleri fil-kwalita tieghu personali premessa, u fuq il-konsiderazzjoni li fid-data tad-decizjoni tal-Bord u dan b'effett tal-*North West Local Plan* ppublikata minn MEPA f'Awwissu 2006, tali sit mertu tal-applikazzjoni ndikata 4286/99 ma kienx ghadu formanti parti mill-iskema ta' zvilupp.

Illi jinghad li l-punt ta' zball fl-okkju tas-sentenza gie trattat diversi drabi fil-gurisprudenza tal-Qrati u ssir riferenza ghas-sentenza **"Elisa *sive* Alice Cachia et vs Avukat Dr. Dunstan G. Bellanti et noe"** (P.A. 26 ta' Gunju 1957) fejn intqal hekk:-

*"Ghalhekk ma hemmx dubju li fl-istess kawza l-isem ta' wahda mill-partijiet kien zbaljat; u s-sentenza li fiha l-indikazzjoni tal-isem ta' wahda mill-partijiet zbaljata fl-identita' ta' dik il-persuna ndikata hazin hi nulla (Vol. XXXVI-I-200)."*

Illi l-istess fis-sentenza **"Alexander Victor Baldacchino vs Henry Albert Pace noe"** (P.A. 10 ta' Dicembru 1963):-

*"… illi gie ripetutament deciz mill-Qorti taghna illi zball fl-isem jew il-kunjom ta' xi hadd mill-partijiet jimporta n-nullita' ta' l-atti u tas-sentenza relattiva, sakemm ma jkunx hemm korrezzjoni mill-istess Qorti li tkun emanat dik is-sentenza."*

Illi mbaghad fis-sentenza **“Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo noe”** (A.C. 28 ta’ Frar 1997) fejn l-izball kien jikkonsisti fl-isem ta’ l-attur, l-Onorabbli Qorti ta’ l-Appell ikkonkludiet:-

*“Dan hu zball ta’ sustanza li l-Qorti ta’ l-Appell necessarjament trid tissollevah ex officio in kwantu hu bl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta’ dawk il-partijiet – persuni kontendenti fil-kawza – li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi rettifikat;*

*Issa gie ritenut minn din il-Qorti, fil-kawza **“Avukat Dottor Stephen Thake nomine vs Fabian Saliba”** deciza fl-4 ta’ Mejju 1994 (Vol. LXXVII, pt.II, p.133) li :*

*“… din il-Qorti fit-termini ta’ l-artikolu 175 tal-Kap.12 ghandha l-fakolta’ li tikkoregi kull zball li jirrizulta f’kull att li jigi pprezentat wara s-sentenza ta’ l-ewwel istanzi imma din il-fakolta’ ma testendix sas-sentenza li tkun appellata quddiemha” (Ara wkoll is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell deciza fis-7 ta’ Dicembru 1990 fl-ismijiet **“Melita Sciberras vs Gordon B. Tolputt”** u s-sentenza fl-ismijiet **“Anthony Mizzi vs Gertie Bugeja”** ukoll deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fl-14 ta’ Marzu 1994). Is-sitwazzjoni ma jidhirx li tbiddlet bl-emendi li saru fil-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili bl-Att XXIV ta’ l-1995; is-subinciz 2 ta’ l-artikolu 175 l nfatti ma jirrizultax b’xi mod emendat. Il-Qorti ta’ l-Appell allura ma tistax tikkoregi l-ismijiet tal-partijiet li jidhru zbaljatament fl-okkju tas-sentenza appellata ghax ghandha tqis li dik is-sentenza nghatat kontra persuna jew persuni li ma kinux parti fil-kawza bhala attur jew konvenut. Hi biss il-Qorti li ppronunzjat is-sentenza li tista’ taghmel ir-retifika opportuna ghaliex is-sentenza appellata taghmel biss stat fil-konfront ta’ dawk il-persuni li hi tiddikjara fl-okkju taghha li huma l-partijiet in kawza. U una volta dawk il-partijiet ma kinux ghal dawk li agixxew bhala atturi jew ghal dawk li gew citati biex jiddefenduha bhala konvenuti jew mod iehor, dik is-*

*sentenza hi sostanzjalment difettuza u ghandha tigi annullata."*

Illi fis-sentenza **"Joseph Sant vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp"** (Onorabbli Qorti ta' l-Appell Civili, Cit. Nru 344A/98 - 23 ta' April 2001) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell irreferiet ghas-sentenza moghtija fl-14 ta' April 1997, fil-kawza **"Louise Ann Sultana vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp u l-Awtorita' ta' l-Ippjanar"** fejn kien gie rrimarkat hekk :-

*"Dan huwa zball ta' sustanza billi hu bl-okkju tad-decizjoni li l-partijiet jigu effettivament identifikati. Hu proprju fil-konfront ta' dawk il-partijiet hekk identifikati li d-decizjoni tistabbilixxi d-drittijiet u l-obbligi rispettivi ta' l-istess partijiet fil-kuntest tal-litigazzjoni bejniethom. Id-decizjoni torbot lil dawk il-partijiet kif identifikati fl-okkju u jekk il-partijiet ma jkunux jirrizultaw li gew korrettement identifikati, allura l-awtorita' tal-gudikat tisfuma fix-xejn. Ma hemmx dubju li dan l-izball sar bi zvista u li huwa possibbli li jigi retifikat."*

*"Illi jigi rilevat li fir-rikors mertu tal-vertenza odjerna l-kwistjoni hija li s-sentenza nghatat apparti kontra l-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp kontra certu Paul Baldacchino meta dan ma kellu x'jaqsam xejn mal-kwistjoni li kellu quddiemu l-Bord. F'termini legali hemm differenza sostanzjali billi hawn si tratta ta' ndividwu kompletament differenti u kwindi l-ommissjoni li saret min-naha tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar mhix sempliciment xi dettall marginali izda huwa partikularita' ta' sustanza.*

Illi fil-fatt dan il-punt gie wkoll deciz minn din il-Qorti kif presjeduta fil-kawza fl-ismijiet **"Catherine Ripard vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u Paul Baldacchino"** (A.I. C. (RCP) – 18 ta' Novembru 2004) fejn saret referenza ghall-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12** li jghid hekk:-

*"(2) Kull Qorti fi grad ta' appell tista' wkoll tordna jew tippermetti, f'kull zmien sas-sentenza, li jissewwa kull zball*

*fir-rikors li bihom tkun tressaq l-appell jew fit-twegiba, kif ukoll zball fl-isem tal-Qorti li tkun tat is-sentenza appellata, jew f'dak tal-partijiet, jew fil-kwalita' li fiha huma jidhru, jew fid-data tas-sentenza appellata.*

*(3) Il-Qorti tista' sa dakinhar li taghti s-sentenza u taqta' l-kawza, tordna minn jeddha li tissewwa kull ommissjoni jew zball gudizzjarju jew amministrattiv f'att gudizzjarju."*

Illi dawn l-istess insenjamenti gew segwiti f'kazijiet ta' zbalji fl-ismijiet tal-partijiet quddiem tribunali kwazi gudizzjarji bhalma huwa l-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar u fejn anke gie trattat il-punt jekk il-Qorti tistax tikkoregi isem tal-partijiet f'decizjoni hekk moghtija u fil-kawza **"Joseph Zammit vs L-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** (A.I.C. (RCP) – 26 ta' Ottubru 2004) inghad li dan ma jistax isir ghaliex *"l-izball .... sar fid-decizjoni tal-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar* ( u din) *tbiddel ghal kollox wiehed mill-partijiet li huma soggetti ghall-istess decizjoni, u tali zball jaffettwa s-sustanza tad-decizjoni nnifisha u jista' jigi korrett mill-istess Tribunal jew Qorti li taw id-decizjoni originali."*

Illi fl-istess sentenzi citati anke ta' din il-Qorti fosthom dawk fl-ismijiet **"Anthony Galea vs Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp et"** (A.I.C. (RCP) – 27 ta' April 2006) u **"Catherine Ripard vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar et"** (A.I.C. (RCP) – 18 ta' Novembru 2004) jinghad li johrog car li l-provvedimenti ta' l-**artikolu 175 (2) tal-Kap. 12** jirreferu ghal zball ta' forma jew dattilografu li ma jbiddilx is-sostanza tad-decizjoni mill-Qorti ta' Prim' Istanza (u *se mai* ta' kwalunkwe organu iehor), u mhux ghal zbalji li jolqtu direttament is-sostanza u l-mertu tal-kawza proprja, u f'dan il-kaz id-decizjoni stess ta' l-imsemmi Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar u fil-fatt dan huwa l-mertu ta' l-appell odjern.

Illi fil-fatt din il-Qorti thoss li la darba quddiem il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar l-appell sar mis-socjeta' hemm indikata mela allura l-istess decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar kellha tinghata fil-konfront taghha wkoll, u ghalhekk kellha tkun indikata fl-okkju tal-istess decizjoni

tal-Bord, haga li manifestament ma saritx fid-decizjoni llum mertu ta' dan l-appell datata 22 ta' Ottubru 2010. Hawn issir riferenza ghas-sentenza ricenti "**"Anton Camilleri et vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 10 ta' Dicembru 2009 fejn tali eccezzjoni nghad li ghandha titqajjem *ex ufficio* mill-Qorti ghaliex hija ta' ordni pubbliku (ara wkoll is-sentenza **"Alex Scicluna vs l-Awtorita' ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar"** datata 12 ta' Mejju 2011 dwar kif certu punti ghandhom jitqajjmu *ex officio* mill-Qorti).

Illi dan l-izball jannulla ghal kollox il-proceduri kollha li saru quddiem l-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, inkluz allura d-decizjoni tal-istess Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar tat-22 ta' Ottubru 2010 u dan peress li l-izball in kwistjoni jbiddel ghal kollox l-identita' tal-persuna u l-effetti kollha ta' l-ordnijiet mahruga mill-Awtorita' nnifisha. L-argument migjub mill-Awtorita' appellata fit-3 paragrafu tar-risposta ta' l-appell ma ghandu ebda valur legali, u dan peress li ma jbiddel xejn mill-izball li sar mill-Bord tal-Appell, u huwa biss tentattiv fjakk sabiex tigi difiza posizzjoni indifensibbli li l-Awtorita' appellata sabet ruhha fiha minhabba l-mod kif inghatat l-istess decizjoni mill-Bord tal-Appell, li skond il-ligi u skond il-gurisprudenza kostanti jirrendi tali decizjoni nulla u bla effett.

Illi ma hemmx dubju li l-Qorti ghandha timxi fuq tali insenjament u dan peress li hija gurisprudenza kostanti li zball fl-okkju tas-sentenza huwa zball ta' sustanza li l-Qorti tal-Appell necessarjament trid tissolleva *ex ufficio* inkwantu hu fl-okkju tas-sentenza li l-partijiet jigu identifikati u huma d-drittijiet u l-obbligi ta' dawk il-partijiet, kontendenti fil-kawza, li jkunu qed jigu determinati fis-sentenza appellata. Is-sentenza appellata taghmel stat u torbot lil dawk il-persuni u huwa car li jekk dawn ma jkunux sewwa identifikati, dik ir-rabta ma tirrizultax effikaci fil-ligi. L-izball allura jehtieg li jigi retifikat u dan jista' jsir biss mill-Qorti, jew f'dan il-kaz mill-Bord li ppronunzja l-istess decizjoni. **("Joseph Busuttil vs Avukat Dottor John Mamo *nomine*"** – A.C. – 28 ta' Frar 1997; **"Gaetano Sammut et vs Pauline Sammut"** – A.I.C. (PS) – 15 ta' Dicembru 2003; **"Joseph Zammit vs L-Awtorita'**

**ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** (A.I.C. (RCP) – 26 ta’ Ottubru 2004). Ghalhekk fid-dawl ta’ dak kollu premess, id-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar tirrizulta li hija sostanzjalment difettuza u qed tigi annulata ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi** billi filwaqt li tichad ir-risposta tal-appell tal-Awtorita’ appellata datata 4 ta’ April 2011 biss in kwantu l-istess hija nkonsistenti ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ l-ewwel aggravju sollevat mill-appellanti *proprio et nomine* fir-rikors tal-appell datat 4 ta’ Novembru 2010 fis-sens li d-decizjoni tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar hija nulla minhabba li l-okkju tal-istess decizjoni huwa skorrett** u b’hekk thassar u tirrevoka d-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar datata 22 ta’ Ottubru 2010 fl-ismijiet **“Anton Camilleri vs l-Awtorita’ ta’ Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar”** u b’hekk tirrinvija u tirrimetti l-kaz lura lit-Tribunal Tar-Revizjoni ta’ l-Ambjent u l-Ippjanar sabiex l-istess kaz jigi deciz mill-istess Bord mill-gdid skond il-ligi fid-dawl ta’ din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kontra l-Awtorita’ appellata.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------